Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 200/2013

**Federated Mills plc** **(appellata)**

**Vs**

**Matthew Gauci** **(appellant)**

7 ta' Ottubru, 2016.

L-attrici harrket lill-konvenut quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ghas-somma ta' €2,116.88 prezz ghall-bejgh u konsenja ta' tqiq skond invoice datat 30 ta' Gunju, 2012. Il-konvenut wiegeb li:

i. M'huwiex il-legittimu kontradittur.
ii. Qatt ma xtara l-merkanzija li dwarha qieghed jintalab il-hlas. Fil-fatt l-invoices u *delivery notes* m'humiex iffirmati.

B'sentenza tal-31 ta' Ottubru 2014 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar cahad l-eccezzjoni u kkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' €2,116.88, bl-imghax mit-30 ta' Novembru 2012.

Il-kovenut appella u l-aggravji huma:

1. Bejgh qatt ma sar, tant li l-invoices u delivery notes qatt ma gew iffirmati. Lanqas m'hemm prova li l-allegat bejgh kien gie konkluz.
2. Il-konvenut m'huwiex il-legittimu kontradittur ghaliex il-bejgh qatt ma sar.

L-attrici ma pprezentatx twegiba.

## **Konsiderazzjoni.**

Il-vertenza hi dwar il-kontijiet MC5 u MC6, li l-attrici harget lill-konvenut, l-ewwel wiehed datat 22 ta' Awissu 2011 ghal €800 u t-tieni wiehed datat 13 ta' Lulju 2011 ghal €1,316.88. L-ebda wiehed minn dawn il-kontijiet mhu ffirmat mill-konvenut. Mill-provi rrizulta li l-attrici kienet fethet kont f'isem il-konvenut, u missieru kien imur jixtri d-dqiq minghandha. It-Tribunal osserva:

> *"Kien inkun ferm iktar għaqli da parti tas-soċjeta` attriċi li titlob il-firma tal-klijent, u kien ikun eħfef għaliha li tipprova l-każ tagħha. Minkejja dan in-nuqqas , it-tribunal huwa tal-fehma li t-talba attriċi xorta waħda ġiet sodisfaċentement ippruvata, mhux bil-firem tal-klijent naturalment, iżda bl-assjem tal-provi prodotti min-naħa tas-soċjeta` attriċi, anke permezz ta'*

*xhieda li m'għadhomx impjegati tas-soċjeta` attriċi u għalhekk m'għandhom l-ebda interess li jaħbu l-verita`.*

*It-Tribunal ikkonsidra wkoll illi l-istatement mibgħut regolarment mis-soċjeta` attriċi ma ġiex ikkontestat u lanqas ma ġie kkontestat il-ħlas fit-telefonati li kienu qed isiru mir-rappreżentant tas-soċjeta` attriċi lill-konvenut jew lil missieru. Il-kontestazzjoni dwar il-ħlas waslet biss meta s-soċjeta` attriċi ħadet passi legali fil-konfront talkonvenut permezz ta' ittra uffiċjali mibgħuta lilu bil-proċedura kontemplata fl-artikolu 166A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. (Kapitlu 12 tal-Liġijiet ta' Malta)."*

Fl-ewwel lok il-qorti tibda biex tosserva li l-konvenut hu legittimu kontradittur fis-sens li mill-provi rrizulta li nfetah kont f'ismu mas-socjeta attrici, u minghandha kien jinxtara d-dqiq f'ismu. Michael Galea, missier il-konvenut, xehed li: *"Fiz-zmien tal-kwistjoni li kellna ma' Federated Mills, kollox kien f'isem it-tifel u jien kont l-amministratur."* (fol. 50) Sahansitra l-pagamenti li saru kienu permezz ta' cekkijiet tal-konvenut. Ghalhekk il-konvenut ma jistax jargumenta li m'huwiex il-legittimu kontradittur. Mill-provi m'hemmx dubju li kien il-konvenut kif rapprezentat minn missieru li kien qieghed jixtri l-merkanzija minghand l-attrici.

Ghal dak li jikkoncerna l-meritu dwar jekk il-konvenut kienx xtara l-merkanzija li taghha l-attrici qeghda titlob il-hlas b'din il-kawza, il-qorti hi tal-fehma li t-Tribunal seta' jasal ghal konkluzjoni li wasal ghaliha meta tqies li:

i. 'Il fatt li l-kontijiet m'humiex iffirmati ma jfissirx li xiri ma sarx. Michael Camilleri, General Manager tas-socjeta attrici, xehed kif Michael Galea kien imur jigbor il-merkanzija wara l-hinijiet tal-ufficcju. Spjega wkoll li kien hemm zewg okkazzjonijiet meta, *".... xtara minghandna. Kien gie u ha x-xoghol li kien xtaq u ahna konna nfurmajnieh li ser nohorgu l-fattur l-ghada filghodu meta jifthu l-ufficini. Nispjega li fil-fatt gara hekk li hrignielu l-fattur l-gahda filghodu, imbaghad is-sinjur Galea rega' ghazel li jibda jimporta d-dqiq minhabba kwistjoni ta' prezz u ma baqax jitri minghandna...."* (fol. 16).
ii. Joseph Zerafa, Financial Controller tas-socjeta attrici, xehed kif fl-ahhar tax-xahar kienu jintbaghatu statements lil Galea. Fatt mhux kontestat mill-konvenut. Sahansitra Michael Galea kkonferma li kienu jintbaghtu statements (ara l-ahhar paragrafu tal-affidavit, fol. 41).
iii. Il-kontijiet oggett tal-kawza huma datati 13 ta' Lulju 2011 u 22 ta' Awissu 2011. Jekk il-konvenut qatt ma xtara l-merkanzija li tissemma f'dawk il-kontijiet, il-qorti ma tifhimx kif il-konvenut ma kkontestatx mill-ewwel l-istatements li kienu qeghdin jintbaghtu. Ghallinqas m'hemmx prova li kkontestahom *a tempo vergine*. Fuq bazi ta' probabilta' min ma jkunx debitur **mill-ewwel** jirrejagixxi kif jircievi statement biex ihallas. Fil-kaz in ezami m'hemmx prova li gara hekk.

iv. Joseph Zerafa xehed ukoll li kien cempillu Galea, ghalkemm ma jafx kienx il-konvenut jew missieru, u qallu li dwar pagamenti ried li jkellem lil Mark Camilleri. Ix-xhud zied ighid li, *"Nista' nghid illi kull meta jiena bghatt statement lis-sur Galea, qatt ma cempilli lura biex jikkontestah."* (fol. 28) u *"… meta kont nistaqsih ghal pagament huwa min-naha tieghu kien ighidli ok u qatt ma kien ikkontestah, imbaghad finalment kien qalli li jixtieq ikellem lis-sur Camilleri dwar il-kont."* (fol. 29).

v. Joseph Zerafa xehed li kien icempel fuq in-numru 21418028, li Michael Galea kkonferma li hu n-numru tat-telefon tar-residenza tieghu u fejn kien ighix ukoll il-konvenut.

vi. Ghalkemm kien hemm zewg konsenji ohra fir-rigward ta' liema missier il-konvenut iffirma kontijiet (ara dokumenti a fol. 18 u 23), l-attrici harget *credit note* dwarhom. Ghalhekk dawk il-kontijiet thassru. Minflok harget zewg kontijiet ohra dwar l-istess konsenja, li pero' ma gewx iffirmati. Madankollu l-konvenut xorta hallashom ghalihom permezz ta' zewg cekkijiet (fol. 31-32).

vii. Il-kont datat 13 ta' Lulju 2011 (fol. 25) jirreferi ghall-merkanzija li effettivament kienet tnaqqset mill-kont datata 8 ta' Lulju 2011 (fol. 23). Fil-fatt meta tghodd in-numru ta' xkejjer u l-prezz li jissemmew fil-kont a fol. 25 mal-ixkejjer u l-prezz li jissemmew fil-kont a fol. 23, it-total hu dawk ic-cifrati ngassati fil-kont a fol. 23. Fuq bazi ta' probabilta' granet wara l-konsenja tat-80 xkora, Galea mar jigbor il-kumplament tal-ordni originali li kien ghamel.

Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet, il-qorti tqies li m'hemmx bazi biex il-qorti tikkonkludi li l-apprezzament tal-fatti li ghamel it-Tribunal kien ghal kollox zbaljat.

**Ghal dawn il-motivi, tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant**.

Anthony Ellul.